San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 45 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**l-Erbgha 23 t' April 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3 | Mandy Buhagiar | Kunsillera |
| 4 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 5 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 6 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 7 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 8 | Oliver Mallia. | Kunsillier |
| 9 | Mario Salerno | Kunsillier |
| 10 | Daniel Grima | Kunsillier |

**Skuzat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 11 | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 11 | Peter Abela | Kunsillier |
| 13 | John Bray | Kunsillier |

**Frans Chircop** Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqha.
Il-laqgha bdiet fil-5.30pm.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda bl-ewwel items fuq l-agenda.

**Approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgha precedenti gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti bl-aggustamenti li gibdet l-attenzjoni ghalihom il- Kunsilliera Graziella Galea. Dawn gew approvati unanimamenti

---

**Flus dovuti lill Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li hemm problema bil-firem li trid tissolva qabel jkunu jistghu jghaddu l-flus dovuti lill Kunsill Lokali San Pawl. Is-Sindku spjega li huwa bhala Sindku gdid m'ghandux problema biex jiffirma u b'hekk ikunu jistghu jghaddu l-flus fil-kont tal-Kunsill.

**Spjegazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja u l-aggustamenti tal- accounts kif awditjati**. L-*accountant* tal-Kunsill spjegat il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Hija kompliet tghid li bid-differenza mill-ammont li l-Kunsill ghandu jircievi u dak li ghandu jhallas, il-Kunsill ghandu zbilanc ta' 90K. Hija kompliet tghid li ghandu jsir enfazi biex il-kontijiet pendent li l-Kunsill ghandu jigbor tinkiteb ittra bl-avukat. Hemm l-ammont ta' €50K li ghandu jingabar mill- WSC, 68K tal-PPP fuq toroq li ga saru., 3K mill Green MT u circa 160K mit-Tribunal tat-Tramuntana. Wara diskussjoni qasira kulhadd qabel li ghandhom jintbghatu l-invoices bl-avukat tal-Kunsill halli jingabru dawn il-flus. Ir-rapport finanzjarju gie approvat minn dawk kollha prezenti. Is-Sindku rringrazzja lill accountant tax-xoghol taghha u tkompliet il-laqgha skond l-agenda.

***Skeda tal--hlasijiet.***
Is-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm xi mistoqsijiet fuq l-iskeda tal-hlasijiet u peress li kienet giet cirkulata minn qabel ma' kienx hemm mistoqsijiet. Ghaldaqstant kulhadd approva l-iskeda minbarra Anne Fenech, Graziella Galea u Robert Piscopo u Daniel Grima li astjenew.

**Xiri ta' gurnali**. Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-gazzetti mhux ser jibqghu jinxtraw hlief meta l-Kunsill ikollu bzonnhom minhabba xi riklami fuq tenders. Kulhadd qabel ma' din il-proposta.

**Hlas tal-avukati**. Il-Kunsilliera Graziella Galea staqsiet ghaliex il-Kunsill ghadu qieghed ihallas zewg avukati meta t-tender inghatat lill wiehed. Il-Kunsillier Mario Salerno spjega li huwa mportanti hafna li ghalissa jinzammu z-zewg avukati ghaliex l-avukat l-antik kien ilu snin jahdem fuq kawzi pendent u peress li waslu fl-ahhar ma' jkunx ghaqli ghall Kunsill li jaqleb ghall-avukat li ha t-tender il-gdida fl-ahhar naqra. Is-Sindku Raymond Tabone talab votazzjoni jekk ghandhux jinzamm l-avukat l-antik biex jahdem fuq il-kawzi ta' qabel u l-gdid biex ikompli jahdem fuq hidma kurrenti. Kien hemm approvazzjoni nem con.

***Korrispondenza***
Festival tan-nar. Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar spjegat il-programm tal-attivita kif ser jigi prezentat. Hija kompliet tispjega kif qieghed isir il-gbir tal-flus u kif ser jithallas l-event organizer li tqabbad propjament biex ikun jista' johrog fiscal receipt lil azjendi u l-hwienet li jridu jippartecipaw fl-organizzazjoni ta' dan il-festival. Hija spjegat ukoll li l-ewwel prijorita ser tkun ghall dawk il-hwienet ta' Bugibba stess.

**Kont pendenti**. Tresqet ittra minghand Floreal Group fejn talbet li kont pendent li jmur lura mit-2008 jigi mhallas. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li "l-Kunsill mhux detot mill fatti u l-Kunsill prezenti ma jiehux responsabilta".

**Tigdid tat-tenders**

1. ***Tender* tal-lattrini** Wara diskussjoni fuq jekk ghandiex tiggedded it-tender tal-lattrini, l-Kunsilliera Anne Fenech issuggeriet li din l-istess tender ghanda tigi "outsourced" u li hija lesta li tissekonda l-ideja li tigi outsurced. Is-Sindku Raymond Tabone qal li wasal iz-zmien li jinghata servizz tajjeb u jibdew jithaddmu b' mod professjonali kif qed jghamlu lokalitajiet ohra. Mario Salerno qal li huwa jaqbel – pero hemm lattrini li forsi ma' jkunx hemm interess fuqhom, ghaldaqstant huwa qal li kull lattrina ghanda tigi processata individwalment u l-process ikun fuq kull lattrina b'mod individwali u mhux kollha f'daqqa. Il-Kunsillier Mario Buhagiar qal li jaqbel ma' dan. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone propona li t-tender tal-lattrini ma' tiggedditx u jigu outsourced permezz ta' PPP bhal ma' ghamdlu tal-Belt. Din giet sekondata minn Anne Fenech u saret il-votazzjoni. Il-proposta ghaddiet b' kulhadd favur. Ghaldaqstant it-tender ser tiggedded xahar b'xahar sakem isir il-process mehtieg.

2. ***Tender* tal-knis**.
Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Mandhy Buhagiar qalet li taqbel li tiggedded bil-patt li jghati l-lista ta' kif qed jinkinsu t-toroq. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone qal li ghandu jitqabbad Ray Grima biex jara li din l-iskeda tigi mharsa.

3 ***Tender tas-Supervisor***
Wara diskussjoni fuq liema tenders ghandhom jigu mgedda, l-Kunsilliera Anne Fenech proponiet li ma' jiggedidx it-tender tas-Supervisor tal-Kunsill. Is-Sindku talab ghall kummenti ta' dawk prezenti fuq din il-proposta u ntalbet votazzjoni fuq dan. Is-Sindku Raymond Tabone issekonda din il-proposta u ntalbet votazzjoni fuq din id-decizjoni. Kien hemm qbil unanimu biex ma' jiggeddidx il-kuntratt wara li tghaddi l-ewwel sena.

**Affarijiet Ohra.**
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li gew mitfugha zewg tenders ghall-installazjoni tal-live streaming. Huwa kompla jghid li wara li ntalbet linja gwida mid-dipartiment fuq jekk humiex konformi ma' dak li ntalab mid-DLG peress li fihom hafna teknikalitajiet, iz-zewg tenders gew approvati. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Tabone talab biex jinhata il-bord tal-ghazla ghax it-tnejn approvati. Il-bord approvat huwa kif gej:-
Anne Fenech, Mario Salerno, Mario Buhagiar u s-Sindku Raymond Tabone. Il-bord ghandu jiltaqa' l-gimgha fl-10 am.

***Recording* tal-minuti.**
Gie spjegat li l-laqghat tal-Kunsill ser ikun rikordjati ghall finijiet tal-minuti. Is-Sindku Raymond Tabone qal jekk hux il-kaz li peress li ser jibda l-live streaming ghandux jibda jinzamm dan ir-recording. Kulhadd qabel ma' dan.

**Hlasijiet ta' claims.**
Il-Kunsill lokali San Pawl il-Bahar qabel b'mod unanimu li hemm ir-rimedji legali li kull persuna li jisfa jgarrab xi tip ta' danni fil- propjeta tieghu ghanduj jirrikrorri ghall rimedji legali. Dan gie approvat unanimament mill- Kunsill.

**Zewg Avukati**. Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li bhalissa ghandna zewg avukati u staqsiet ghaliex l-ewwel avukat qabel dak kurrenti ma' twaqqafx. Is-Sindku Raymond Tabone spejga li peress li ghadd hemm kawza li waslet fi stadju naqra delikat u li waslet fl-ahhar, ikun aqli ghall Kunsill li jibqa' jzomm l-avukat l-antik jahdem fuq dik il-kawza partikolari fejn kienet korriet tfajla f' accident il-Qawra mentri l-avukat il-gdid ikompli fuq kawzi kurrenti. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Gabbana fejn Gnien Olimpiku**. Inqrat ittra fejn intalab biex tintrama gabbana fejn Gnien Olimpiku. Il-Perit Daniel Grima gibed l-attenzjoni li trid tinzamm id-distanza skont il-ligi mill-gabbana ezistenti li ga hemm ftit il-boghod. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li diment li l-applikant ikollu l-permessi necessarji mill-entitajiet kollha, l-Kunsill ma' ghandu l-ebda oggezzjoni li jarma hemmekk.

**Attivita tal-Ghid**. Is-Sindku Raymond Tabone qal li grazzi ghall Kunsilliera Mandy Buhagiar u Oliver Mallia, flimkien mall-iskrivana u l-handyman tal-Kunsill tax-xoghol u l-impenn li wrew biex tittella din l-attivita li kienet ta' success u originali.

**Tender tal-*Open Skips***. Peress li din it-tender waslet biex tispicca – kien hem mil-qbil li ghanda tohrog sejha ohra. Il-bord tal-ghazla jkun kompost kif gej:- Sindku - Raymond Tabone, Mario Buhagiar, Mario Salerno u Oliver Mallia.

***Powerboat Event*** Is-Sindku Raymond Tabone qal li din l-attivita ser tittella fil – 31 ta' Mejju u fl-ewwel ta' Gunju hdejn il-Gillieru u l-Jetty. Ghaldaqstant ghandhom jergghu jehli l-bollards biex tinghalaq it-triq u jigu ordnati l-wardens ghall din l-istess attivita.

**Kumitat Amministrattiv Burmarrad**. Billi l-ammont ta' kandidati kien hamsa, l-istess ammont rikjest biex ikun kompost dan l-istess kumitat gie nfurmat li l-kandidati kollha gew eletti. Dawn huma hekk :-
Aquilina Simonia,Borg Olivier Michael, Galea Rodney, Grima Lara u Zahra Georgie

**Irhama ta' l-Ex Prim Ministru Dom Mintoff**
Raymond qal li kien hemm ilment li l-irhama tal-Ex Prim Ministru Dom Mintoff terga ssir mill gdid u titpogga fl-ispazju li hemm wara l-istatwa ta' Mose. Intalbet votazzjoni fuq dan u kulhadd kien favur minbarra Daniel Grima, Robert Piscopo, Anne Fenech u Graziella Galea li kienu kontra.

**Bandli fi Triq Parades** Is-Sindku Raymond Tabone spjega li l-Kunsill ghandu l-hsieb li jirranga il-bandli fi Triq Parades ghax hemm periklu li xi hitan ser jiggarfu, specjalment il-parti t'isfel. Huwa sostna li billi dan il-gnien kien ilu abbandunat ghall diversi snin u sahansitra kien gie kundannat, jipproponi li jibda x-xoghol ta' tiswija minnufih. Huwa spjega wkoll li ghandhom jergghu jitpoggew bandli anke b'mod temporanjament sakemm tittiehed decizjoni fuq is-sit minhabba l-isvilupp li hemm progettat f'din iz-zona. Ghaldaqstant gie deciz li fil-parti t'isfel jinfetah ghall parkegg u n-naha ta' fuq jitranga ghall bandli.

**Garaxxijiet tal-ex *Cartwheel Hotel***. Wara diskussjoni qasira kien hem mil-qbil minn dawk kollha prezenti biex issir laqgha mas-sid u tigi diskussa l-ahjar triq li ghandha tittiehed.

***Container*** Is-Sindku Raymond Tabone qal li saret it-talba biex jitpogga container biex jintuza mill-haddiema tal-Public works.

***Railing***. Gie spjegat kif il-hajt ta' quddiem il-Meditarranean Hotel ghandu jitnehha u jinbidel ma' railing halli jkompli mall kumplament tal-promenade. In-naha tar-restaurant Portobello ser jinbidel il-hajt ghax qieghed ta' periklu kbir u xi gebel qed jaqaw l-isfel.

**Titjib ta' parkegg** Is-Sindku Raymond Tabone spjega li l-Kunsill ser ikompli bil-hidma tieghu biex izid il-postijiet ta' parkegg fil-lokalita ta' San Pawl. Huwa spjega li bhalissa l-perit tal-Kunsill qieghed jevalwa l-possibilta li jizdiedu parkeggi fi Triq il-Mosta, faccata tal Harmony Kiosk u hdejn ir-roundabout Mary Doris Zarb. Ghaldaqstant huwa stieden lill dawk il-kunsilliera li jixtiequ jifformaw parti minn bord li jistharreg l-ahjar pjanta halli jizdiedu l-parkegg f'dawn iz-zoni msemmija. Ghaldaqstant il-Kunsilliera Graziella Galea, Mandy Buhagiar, Oliver Mallia, Anne Fenech u l Perit Daniel Grima flimkien mas-Sindku Raymond Tabone ghandhom jiltaqghu nhar it-Tlieta fl-1600.

**Scarrifying**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li qed isiru kuntatti mall Perit li qed jiehu hsieb il-progett tal-Coast Road biex scarifying min dan l-istess progett jintuza biex titranga t-triq that il-boathouses fejn ta' Fraben u parti mit-Triq Jean de La Cassier u Port Ruman fejn il-flats il-godda.

**Rapporti u suggerimenti mill-Kunsilliera.**
***Mandy***

Attendiet mall Mepa fuq hdejn Cannifor Hotel. Easter Event kienet success kbir – cikkulata kienet sponsorship. Attendiet konferenza tal-MTa li saret il-hilton . Fireworks Festival aghandna l-appogg tal-komunita tal business. Kumitat taz-zoni tat Turizmu saret laqgha ma kienux informati u hemm laqgha nazzjali li ma kienetx infurmata. Il-Kunsill mhux qed ikun infurmat. _ Perit Cassar – jintbghat ittra. Gallarija dahal ir-ramel u tnaddaf mill-MTA. Sticker re toilet mal hajt taht il-gallarija tal-pjazza.

***Daniel – bankina***

Robert Piscopo- semma li sar zvilupp ta twessieh ta bankina li setghet saret idjaq u tat access aktar komdu ghas-sewwiqa. Mandyu qalet li transport Malta staqsewa u qalet li dritt l-ohra. Sar ukoll ilment ta' tqattieh tat-triq quddiem Car Museum.

***Oliver Mallia -*** qal li f' Burmarrad fejn hemm il-hanut ta' hdejn il-bandli kien Beach Post. Huwa qal li tkun sabiha kieku dan l-istess Beach Post jerga' jinzebah camouflage kif kien originarjament. Ghaldaqstant huwa ser jitkellem mall - Fondazzjoni Wirt Artna biex naraw din il-possibilita.

***Mario Salerno*** Is-Sur Mario Salerno qal li wasal is-sajf u ga beda jintrema hafna zibel kullimkien. Huwa qal li wasal iz-zmien li ssir laqgha mall-pulizija biex tizdid ir-ronda specjalment fi Triq Cavetta u Triq Gulju. Huwa kompla jghid li s-sena l-ohra kien sar Jum il-Lokalita u huwa tal fehma li din is-sena jerga' jsir.

***Graziella Galea*** Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li fi Sqaq ta' Campra hemm ilment li mhux qed jingabar l-iskart riciklat. Kienet bghatet emejl fuq Triq l-Imrejkba u Triq Larry Vella biex isir patching mehtieg.

***Anne Fenech*** Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet li fi Triq is-Simar hemm il-htiega li jinghata konkos minhabba li din it-triq qatt ma' saret u hemm hafna hofor. Hija staqsiet ukoll jekk din is-sena l-Kunsill hux ser jorganizza trassport ghall Skola Sajf. Is-Sindku wiegeb li jixtieq li dan isir pero ma' hemmx flus biex il-Kunsill joffri dan is-servizz. Il-Kunsilliera Anne Fenech kompliet tistaqsi jekk hux possibli li tehel Sleeping Police fi Triq il-Parrocca kantuniera ma' Triq Parades (fejn kien id-day centre qasbel). Hija fakkret ukoll biex titnehha li splay li hemm quddiem l-ghassa tal-pulizija. Hija staqsiet jekk hemm'x permess biex jiccaqlaq il-bus stop u l-kaxxa tad-disabled.

Aggornata – Gimgha 30th May

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fid- 2120 u giet aggornata laqgha ohra nhar il-Gimgha 30 ta' Mejju 2014 fil-1730. fl-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali an Pawl il-Bahar.

Raymond Tabone
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.